MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

**MAGISTRAT DR.**
**MELI SILVIO LL.D., DIP. STUD. REL., DIP. CAN. MATR. JUR. & PROC., CERT. JUR. & H.R. (STRASBOURG), P.G. DIP. EUROPEAN COMPETITION LAW (KING'S COLLEGE, LONDON), P.G. DIP. EUROPEAN LAW (KING'S COLLEGE, LONDON)**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 402/2001/1

**Emanuel Attard**

**Vs**

**Gaetano Avallone u Marianne Avallone**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-4 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu s-somma ta' LM527 (hames mija sebgha u ghoxrin Liri Maltin) ghax-xoghol ta' tibjid, tikhil u "coving" fir-residenza taghhom fil-Mosta oltre spejjez, liema xoghol gie esegwit ftit xhur ilu;**

**2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali komprizi dawk tal-ittra interpellatorja tas-7 ta’ Marzu 2001 u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet datata d-19 ta’ Settembru tas-sena 2001 li permezz taghha eccepew is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha peress illi t-talba hija wahda esagerata u mhux gustifikata u dan ghas-segwenti ragunijiet:**

**(a) illi kien sar ftehim biss fuq prezz fl-ammont ta’ erba’ mija u hamsin lira Maltin (LM450) ghax-xoghol kollu li kellu jezegwixxi l-attur;**

**(b) illi jista jkun illi saru xi xogholijiet ulterjuri mill-ftehim pero’ zgur mhux fl-ammonti mitluba mill-attur illi jmorru li hin minn kull sens ta’ proporzjon;**

**(c) illi fi kwalunkwe kaz, ghal kwalsiasi spejjes allegatament mghamula mill-attur, dan ghandu jipprovdi l-ircevuti validi relattivi sabiex a bazi taghhom ikun jista’ jigi kkunsidrat il-pagament;**

**2. Fit-tieni lok illi dawn l-odjerni proceduri huma intempestivi u inutili stante illi l-konvenuti gja effettwaw il-pagament skond il-ftehim bejn il-partijiet, u l-bilanc mhallas fl-ammont ta’ LM320 b’ckek ta’ l-4 ta’ Marzu 2001 gie ingiustament rifjutat mill-attur, b’dan illi anke t-talba ghal kwalsiasi imghaxijiet mitluba ghandha tigi michuda;**

**3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**4. Bl-ispejjez kollha kontra l-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti skond l-attur li jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur kien gie inkarigat jghamel xoghol ta' tibjid u tikhil fid-dar tal-konvenuti l-Mosta;**

**2. Illi l-attur isostni li l-ewwel kien gie nkarigat biss biex ibajjad u l-istima tax-xoghol li hu ta' bil-miktub lill-konvenut kienet tilhaq is-somma ta' hames mija u hamsa u erbghin Lira Maltin, (LM545.00,0), ghat-tibjid biss;**

**3. Illi l-attur ikompli jostni li kien sussegwentement ikkontattjat mill-konvenut li ra li l-istima riferita fil-paragrafu precedenti kienet eccessiva;**

**4. Illi l-attur isostni li mar l-ufficcju tal-konvenut fejn iddiskutew ix-xoghol involut u l-istima pprezentata u finalment l-attur isostni li intlahaq ftehim fl-ammont ta' erba' mija u hamsin Lira Maltin, (LM450.00,0), ghall-istess xoghol kif jidher fid-dokumenti immarkati Dok EA 1 u Dok EA 2 a fol 13 u 14 tal-process, fejn Dok EA 2 huwa kopja bil-karta sahhara tad-dokument immarkat Dok. EA 1;**

**5. Illi l-attur jemfasizza li l-kitba bil-linka fuq id-dokument Dok. EA 1 hija tieghu, (ara fol 10), jew ahjar kif irrizulta sussegwentement tal-mara tieghu, (ara fol 32);**

**6. Illi jidher pacifiku bejn il-partijiet stante li tirrizulta xi forma ta' konswetudini, li x-xoghol ta' "coving" jithallas bil-metru;**

**7. Illi l-attur isostni li ma intlahaq l-ebda ftehim fuq il-"coving" ghalkemm dan sar u gie konkluz max-xoghol l-iehor mill-konvenut;**

**8. Illi l-attur isostni li l-konvenut baghtlu l-pagament ta' tlett mija u ghoxrin Liri Maltin, (LM320.00,0), ghas-saldu ta' kull pagament li kellu jiehu tax-xoghol minnu terminat izda l-attur ghazel li ma jsarrfux u jirritornah lura lill-mittent permezz ta' l-assisstent legali tieghu;**

**9. Illi pero' l-istess attur isostni wkoll li l-konvenut kien effettwa pagament precedenti ammontanti f'mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0), li gew regolarment accettati minnu;**

**10. Illi l-attur isostni li l-konvenuti ziedu aktar xogholijiet minn dawk pattwiti bejniehthom senjatament:**

**a. tibjid u tikhil ta' aktar kmamar;**

**b. "maintenance";**

**c. btihi;**

**d. fuq il-bejt;**

**e. il-faccata;**

**f. il-parapett;**

**g. tikhil fuq wara tad-dar;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti skond il-konvenuti jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi huwa minnu li inkarigaw lill-attur biex jghamel xogholijiet ta' tibjid fir-residenza taghhom;**

**2. Illi fil-bidu tax-xoghol il-partijiet qabblu li x-xogholijiet involuti kienu ser iqumu erba' mija u hamsin lira Maltin, (LM450.00,0);**

**3. Illi pero', peress li aktar tard zdiedu xi xogholijiet ulterjuri l-istess konvenut jafferma li l-kont totali tela ghal seba' mija u seba' u ghoxrin Lira Maltin, (LM727.00,0);**

**4. Illi l-konvenut isostni li minn dan l-ammont huwa gia' hallas lill-attur l-ammont ta' erba' mitt lira Maltin, (Lm400.00,0), kif jidher mill-mamma tac-cekk imhallas lill-attur li tidher a fol 20 immarkata Dok. GA 1;**

**5. Illi l-konvenut isostni li sussegwentement hu bghat cekk iehor lill-attur ammontanti ghall-tlett mija u ghoxrin lira Maltin, (LM320.00,0), ghas-saldu ta' kwalunkwe pretensjoni ta' l-attur;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalkemm fit-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet saret referenza qawwija ghal xoghol ta' "coving" dan jidher li ma tantx kellu rilevanza ghar-risoluzzjoni tal-vertenza odjerna;**

**Illi lil din il-qorti essenzjalment irrizultala s-segwenti:**

**1. Illi l-partijiet ikkonkludew ftehim rigwardanti xogholijiet ta' brix, tikhil, tibjid u "coving" li kellu jsir mill-attur fil-fond tal-konvenuti;**

**2. Illi komplessivament l-ammont dovut ghal dan ix-xoghol irrizulta li hu ta' seba' mija u seba' u ghoxrin Lira Maltin, (Lm727.00,0);**

**3. Illi dan l-ammont jirrizulta hekk pattwit kemm meta tigi analizzata x-xhieda ta' l-attur kif ukoll meta tigi analizzata dik tal-konvenut;**

**4. Illi l-partijiet ma jaqblux biss fuq l-ammont parzjalment imhallas mill-konvenut lill-attur;**

**5. Illi l-attur isostni li thallas biss mitejn Lira Maltin, (LM200.00,0), ghalkemm jammetti li mhux preciz fuq dan l-ammont, (ara fol 11);**

**6. Illi l-konvenut jallega li hallas l-ammont ta' erba' mitt Lira Maltin, (Lm400.00,0), lill-attur u in sostenn ta' din l-allegazzjoni jipprezenta l-prova li bl-ebda mod ma giet konfutata, kontradetta jew kwalifikata tal-mamma ta' cekk li bih effettwa l-pagament;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi ghalhekk jirrizulta assodat is-segwenti:**

**1. Illi l-ammont originarjament dovut mill-konvenuti lill-attur huwa ta' seba' mija u seba' u ghoxrin Lira Maltin, (Lm727.00,0);**

**2. Illi l-konvenut effettivament hallas lill-attur l-ammont ta' erba' mitt Lira Maltin, (Lm400.00,0), bhala akkont;**

**3. Illi l-konvenut ghad baqalu jhallas lill-attur l-ammont ta' tlett mija u seba' u ghoxrin Lira Maltin, (Lm327.00,0), ghas-saldu;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tilqa' parzjalment it-talbiet attrici u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-attur is-somma ta' tlett mija u seba' u ghoxrin Lira Maltija, (LM327.00,0), ammont minnhom dovut ghax-xogholijiet effettwati fil-fond proprjeta' taghhom mill-attur;**

**Illi rigward l-ispejjez din il-qorti tiddeciedi li dawn ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet stante li setghu jevitaw din il-procedura kemm-il darba ezercitaw aktar prudenza u rispett fil-konfront ta' xulxin.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**